20 ta' Lulju, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Henriette Mifsud Bonnici *versus* Maurice Mifsud Bonnici (*)

**Sentenza — Appell — Nullità — Provokazzjoni — Art. 431, 425 u 394 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Huwa veru li, skond ġurisprudenza kostanti, l-appell huwa null jekk ir-rikors ma jkunx fih l-elementi rikjesti mill-liġi, jiġifieri l-fatti tal-kawża fil-qosor, ir-raġunijiet ta' l-appell, u t-talba għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza appellata. Anzi, jekk l-appellat ma jissollevax l-eċċezzjoni tan-nullità tar-rikors ta' l-appell meta dan ikun nieqes minn xi wieħed minn dawn l-elementi, il-Qorti għandha tissolleva din l-eċċezzjoni hija stess "ex officio". Imma b'dana kollu, jekk ir-rikors ikun fih l-elementi l-oħrajn, imma, minflok it-talba għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza, ikun fih talba għall-annullament tas-sentenza, il-vot tal-liġi huwa soddisfatt, u r-rikors ma hux null.*

*Il-kwerelant jista' jappella meta l-Maġistrat ikun għamel interpretazzjoni ħażina jew kostruzzjoni ħażina tal-liġi fl-applikazzjoni tagħha għall-fatti kif ġew pruvati; u għalhekk jekk il-Maġistrat ikun illibera l-kwerelat minħabba li rriżultat provokazzjoni da parti tal-kwerelant, dan jista' jappella minn dik is-sentenza.*

*Il-fatt li sentenza liberatoria ma jkunx fiha l-artikolu tal-liġi li jik-*

*kontempla r-reat ma hux motiv ta' nullità tas-sentenza; ghax iċ-ċitazzjoni ta' l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat hija meħtieġa meta s-sentenza tkun kontra l-imputat, u mhux meta tkun favur tiegħu u liberatu.*

Il-Qorti — Rat il-kwerela ta' Henriette Mifsud Bonnici kontra Maurice Mifsud Bonnici, li dana, f'Ħal Lija, uża "vie di fatto" kontra tagħha;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, li biha l-kwerelat ġie liberat għaliex kien serjament provokat;

Rat ir-rikors tal-kwerelanti, li bih interponiet appell lil dina l-Qorti kontra s-sentenza fuq indikata, fuq il-motivi, i-ewwelnett illi dik is-sentenza hija nulla għax ma fihiex ir-rekwiżiti kollha li l-liġi tirrikjedi fl-art. 394 tal-Kodiċi Kriminali, u mbagħad anki għaliex l-Ewwel Qorti applikat il-liġi ħażin billi l-provokazzjoni tista' tiskuża, imma le tiġġustifika reat, u l-għaliex lanqas ma kien hemm provokazzjoni;

Rat il-verbal in data 10 ta' Lulju 1951, li minnu jirriżulta illi l-kwerelat appellat eċċepixxa n-nullità tar-rikors ta' l-appell;

Ikkunsidrat fuq dina l-eċċezzjoni, wara li semgħet lid-difensuri, u wara li rat ir-rikors tal-kwerelat kontenenti s-sottomissjonijiet tiegħu in rigward ta' l-istess eċċezzjoni;

Illi l-kwerelat jara n-nullità fir-rikors ta' l-appell il-għaliex, fil-waqt li dana jikkontjeni, kif trid il-liġi, il-fattijiet fil-qosor u r-raġunijiet ta' l-appell, ma għandux it-talba għat-taħsir jew għat-tbiddil tas-sentenza tal-Qorti Inferjuri, kif il-liġi trid ukoll li jkollu, imma għandu, minflok dik it-talba, it-talba li dik is-sentenza tiġi dikjarata nulla u mingħajr effett, u li l-Qorti tgħaddi biex tikkundanna lill-kwerelat fuq l-akkuża miġjuba kontra tiegħu, bl-ispejjeż;

Illi, kif sewwa ħafna ssottometta l-kwerelat, hija ġurisprudenza kostanti illi jekk ir-rikors ta' l-appell ma jkollux ir-rekwiżiti kollha rikjesti mill-art. 431 tal-Kodiċi Kriminali, li huma (a) il-fattijiet fil-qosor, (b) ir-raġunijiet ta' l-appell, u (ċ) it-talba għat-taħsir jew għat-tibdil tas-sentenza tal-Qor-

---

(*) Deċiża fil-meritu b'sentenza tas-27 ta' Ottubru 1951 (App. Krim.)—publikata.

ti Inferjuri, l-appell huwa null. Għandu jiżdied ukoll illi, anki jekk l-appellat ma jissollevax l-eċċezzjoni, dina għandha tiġi sollevata mill-Qorti "ex officio";

Illi, però, f'dan il-każ il-kwerelanti appellat mis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti anki għaliex tippretendi li dik is-sentenza hija nulla minħabba nuqqas ta' xi formalità; u allura hija ħaġa loġika li titlob id-dikjarazzjoni relativa;

Illi, inoltri, ma jistax proprjament jingħad li r-rikors huwa difettuż għar-raġuni li jonqsu fih xi wieħed mill-elementi fuq indikati; huwa għandu biss illi, minflok ma ġiet użata l-kelma "taħsir" ("revoca") adoperata mill-liġi, ġiet użata l-kelma "nullità", evidentement għar-raġuni ġà fuq indikata. U mbagħad għandu jiġi kunsidrat li fil-kliem tal-Qorti l-kelma "revocare" hija sinonimu tal-kelma "annullare"; u bil-Malti tfisser "neħħi l-magħmul", "ħassar" (Zingarelli, voc. Falzon. Diz.). Ċertament il-leġislatur ma riedx jikkolpixxi bin-nullità r-rikors ta' l-appell sempliċement għaliex ma tkunx ġiet użata l-kelma li huwa uża, meta tkun ġiet użata kelma oħra li turi biżżejjed tajjeb, daqs kemm turi l-kelma tiegħu, x'irid l-appellant. Il-leġislatur irid li r-rikors ta' l-appell ikollu l-elementi kollha fuq indikati sabiex jiġu evitati kemm jista' jkun appelli frivoli, u sabiex il-Qorti jkollha quddiemha mill-ewwel l-informazzjonijiet neċessarji sabiex tkun tista' tirregola d-diskussjoni u tillimita d-dibattitu għal dak li hu rilevanti għall-pont in kwistjoni; u għalhekk, meta r-rikors ta' l-appell ikollu — kif għandu dak tal-kwerelanti — il-fattijiet, ir-raġunijiet ta' l-appell, u t-talba formulata b'mod, jiġifieri bi kliem, biżżejjed ċari biex juru lill-Qorti x'qiegħed l-appellant jitlob in rigward tas-sentenza tal-Qorti Inferjuri, jiġifieri jekk iridhiex imħassra jew mibdula, il-vot tal-liġi għandu jiġi ritenut soddisfatt;

Għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni tan-nullità tar-rikors ta' l-appell, sollevata mill-kwerelat;

Ikkunsidrat, fuq il-kwistjoni jekk il-kwerelanti jistax jagħmel appell kontra s-sentenza fuq indikata ta' l-Ewwel Qorti;

Illi l-kwerelant jista', fost każijiet oħra, jappella mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati taħt id-dispożizzjoni ta' l-art. 425 (1) (b) (iv) (i) tal-Kodiċi Kriminali. Skond ġurispru-

denza kostanti hemm anki dritt għall-appell taħt l-istess dispożizzjoni tal-liġi meta l-Maġistrat ikun għamel interpretazzjoni ħażina jew kostruzzjoni ħażina tal-liġi fl-applikazzjoni tagħha għall-fattijiet kif ikunu ġew pruvati; l-għaliex f'dan il-każ il-kwistjoni sollevata fl-appell hija in realtà kwistjoni ta' liġi, u fl-effetti tagħha l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi tfisser illi ma hemmx dritt ta' appell fuq kwistjoni ta' fatt, imma hemm appell dritt ta' appell fuq kwistjoni ta' liġi. Issa, il-kwerelata tippretendi appuntu li l-Ewwel Qorti interpretat ħażin il-liġi fl-applikazzjoni tagħha għall-fatti riżultati meta illiberat il-kwerelat minħabba l-provokazzjoni; u għalhekk l-appell minnha magħmul huwa sostenibili;

Għaldaqstant tiddikjara appellabili mill-kwerelanti s-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja;

Ikkunsidrat, dwar il-kwistjoni tan-nullità ta' l-imsemmija sentenza ta' l-Ewwel Qorti;

Illi l-kwerelanti tibbaża dina n-nullità fuq il-fatt illi l-Ewwel Qorti naqset tiċċita fis-sentenza l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat; iżda ċ-ċitazzjoni ta' l-artikolu tal-liġi li jkun jikkontempla r-reat mhix rikjesta f'każ ta' liberazzjoni, u s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti hija sentenza liberatorja. Skond l-art. 394 tal-Kodiċi Kriminali, iċ-ċitazzjoni ta' l-artikolu ta' dak il-Kodiċi, jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat, hija meħtieġa f'sentenzi kontra l-akkużat, u mhux f'dawk favur tiegħu li jilliberawh;

Għalhekk tirrespinġi anki dina l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza fuq indikata ta' l-Ewwel Qorti;

U tordna li l-appell jiġi trattat fil-meritu.